# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM’AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Illum is-26 t’April, 2019.**

**Rikors Numru 15/2018**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Sharon Rose Roche nee` Bellamy**

**vs.**

1. **Direttur tad-Dipartiment ghall-i*Standards* fil-Harsien Socjali; u**

2. **L-Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-22 ta’ Frar, 2018, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi hu principju tal-Qorti ta’ Strasburgu li meta qorti “*municipali*” tonqos li tirreferi kwistjoni ta’ dritt

komunitarju *ai termini* tal-artiklu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, (minn issa 'l quddiem TFUE), tali rifjut jikkostitwixxi ksur ta' dritt fundamentali taht l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni);

1.2. Illi in sostenn tas-suespost taghmel referenza ghall-*Dhahbi vs. Italy*, (ara foll 1 u 2);

1.3. Illi fil-procedura indikata mill-istess rikorrenti – Rikors Guramentat Numru 35/2016 – (ara foll 2), l-istess rikorrenti hemm talbet lill-qorti tiddikjara l-proceduri ghar-ritorn ta' binha hemm ukoll indikati, bhala illegali u minghajr effett;

1.4. Illi fl-istess procedura tqajjem punt ta' dritt komunitarju, u intalab ukoll li l-istess domanda tigi riferita lill-Qorti tal-Gustizzja;

1.5. Illi d-domanda riferita fil-paragrafu precedenti hi riprodotta fl-istess rikors promotur, (ara foll 2);

1.6. Illi bis-sentenza preliminari taghha datata t-2 ta' Dicembru, 2016, il-qorti kolpita bl-imsemmija domanda:

1.6.1. Laqghet l-eccezzjoni sottomessa fil-konfront tal-istess domanda;

1.6.2. Naqset tippronunzja ruhha dwar il-kwistjoni ta' dritt komunitarju sollevata;

1.7. Illi r-rikorrenti odjerna appellat mill-imsemmija sentenza;

1.8. Illi l-istess appell kien deciz fis-16 ta' Jannar, 2018, minghajr ma inghataw ragunijiet fir-rigward tar-referenza mitluba;

1.9. Illi billi l-Qorti tal-Appell naqset li tirreferi l-mistoqsija lill-Qorti ta' Strasburgu din kisret id-dritt fundamentali tar-rikorrenti;

1.10. Illi hu doveruz li qorti ghandha taghti ragunijiet ghad-decizjonijiet taghha;

1.11. Illi ghalhekk gie vjolat id-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrenti *a tenur* tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

1.12. Illi ghaldaqstant din ir-rikorrenti aderiet din il-qorti biex din:

1.12.1. Tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Sharon Rose Roche vs. Direttur tad-Dipartiment ghall-i*Standards* fil-Harsien Socjali – Rikors Guramentat Numru 35/16 – datata s-16 ta' Jannar, 2018, hi in vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq *a tenur* tal-artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni;

1.12.2. Tipprovdi rimedju;

2. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu, appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 6);

3.0. Rat ir-risposta datata s-27 ta' Marzu, 2018, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 15):

3.1. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.2. Illi r-rikorrenti qatt ma giet imcahhda mid-drittijiet fundamentali taghha taht l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni billi:

3.2.1. Il-qorti involuta kienet wahda imparzjali u indipendenti;

3.2.2. Id-decizjoni inghatat fil-pubbliku u fi zmien ragonevoli; u

3.2.3. L-istess decizjoni kienet ben ragunata;

3.3. Illi l-artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni ma jiggarantixxu l-ebda dritt li qorti domestika ghandha tirreferi kwistjoni lill-Qorti tal-Gustizzja;

3.4. Illi il-posizzjoni indikata fil-paragrafu precedenti hi msahha bil-gurisprudenza citata fl-istess risposta, (ara foll 16);

3.5. Illi l-artiklu 267 TFUE ma jimponi l-ebda obbligu fuq il-qrati nazzjonali biex jaghmlu referenza preliminari kull darba li ssir talba ta' din ix-xorta izda jipprovdi li l-qorti tal-ahhar istanza ghandha tirreferi kwistjoni li titqajjem quddiemha rigwardanti l-interpretazzjoni t'atti tal-Unjoni Ewropea;

3.6. Illi ghalhekk referenza ghandha ssir jekk il-qorti nazzjonali tqis li din tkun necessarja biex sussegwentament tkun tista' tghaddi ghas-sentenza fuq il-vertenza migjuba quddiemha;

3.7. Illi ghalhekk, il-procedura tar-referenza preliminari mhix "dritt" izda "fakulta`", (ara foll 17);

3.8. Illi kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrenti, il-Qorti tal-Appell effettivament immotivat dettaljatament ir-ragunijiet ghaliex ma kienx hemm il-htiega li ssir r-referenza mitluba;

3.9. Illi kull ma jezistu huma "linji gwida" naxxenti mill-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea, (minn issa 'l quddiem il-Qorti tal-Gustizzja), biex jassistu lill-qrati tal-iStati Membri biex jiddeterminaw jekk tali talba ghal referenza preliminari tkunx verament mehtiega;

3.10. Illi tali referenza hi:

3.10.1. Imsejsa fuq kooperazzjoni genwina bejn il-qrati involuti; u

3.10.2. Intiza biex tassigura l-applikazzjoni korretta u uniformi tad-dritt Ewropew;

3.11. Illi jirrizulta li l-motivazzjoni tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fir-rigward hi bbazata fuq il-kostatazzjoni li r-referenza mitluba kienet irrilevanti, (ara foll 18 u 19);

3.12. Illi t-talba ghar-referenza kif mitluba mir-rikorrenti mhix rilevanti ghall-fattispeci tal-kawza odjerna, (ara foll 19);

3.13. Illi l-qorti odjerna ma tistax:

3.13.1. Tbiddel id-digriet tal-Qorti tal-Appell in dizamina;

3.13.2. Tordna referenza;

3.14. Illi l-procedura odjerna hi wahda ta' natura kostituzzjonali u ghalhekk il-limitu tal-azzjoni odjerna hu dak li jigi deciz jekk bl-operat in dizamina gewx lezi xi drittijiet fundamentali tar-rikorrenti – mhux li tirrevedi d-decizjonijiet ta' qrati ohra;

3.15. Illi konsegwentement din il-qorti ghandha tiddikjara li:

3.15.1. M'hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

3.15.2. Tirrespingi l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti *stante* li huma infondati, frivoli u vessatorji;

3.15.3. Salv risposti ulterjuri;

3.15.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat is-6 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita` tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 26);

5. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata t-30 ta' Lulju, 2018, (ara foll 646), flimkien ma dik sottomessa mill-intimati datata l-4 t'Ottubru, 2018, (ara foll 667);

6. Rat il-verbal tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-16 t'Ottubru, 2018, li permezz tieghu iddikjaraw li qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti minnhom ipprezentati, (ara foll 680);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tal-premess il-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi l-lanjanza tar-rikorrenti tirrigwarda s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Rikors Numru 35/16), fl-ismijiet Sharon Rose Roche vs. Direttur tad-Dipartiment ghall-i*Standards* fil-Harsien Socjali, datata s-16 ta' Jannar, 2018, (ara foll 334);

7.2. Illi fis-sentenza riferita fil-paragrafu precedenti l-imsemmija qorti irrespingiet it-talba tar-rikorrenti biex issir ir-referenza hemm indikata lill-Qorti tal-Gustizzja *ai termini* tal-artiklu 267 TFUE;

7.3. Illi in vista tal-istess rifjut ir-rikorrenti qieset li dan jammonta ghall-vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq fil-konfront taghha *a tenur* tal-artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni;

7.4. Illi min-naha taghhom, ghar-ragunijiet minnhom premessi l-intimati jirrespingu ghal kollox l-allegazzjoni tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

8. Illi l-vertenza in dizamina tippernja ruhha fuq l-artiklu 267 TFUE li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Il-Qorti tal-Gustizzja ... ghandha jkollha l-kompetenza li taghti sentenzi preliminari dwar:
>
> (a) l-interpretazzjoni tat-Trattati;
>
> (b) Il-validita` u l-interpretazzjoni ta' l-atti ta' l-istruzzjonijiet, korpi jew organi ta' l-Unjoni;
>
> "Meta l-kwistjoni titqajjem quddiem xi qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru, dik il-qorti jew tribunal jistghu, jekk ikun jidhrilhom li decizjoni fuq dik il-kwistjoni tkun mehtiega

sabiex ikunu jistghu jaghtu s-sentenza, jitolbu lill-qorti sabiex taghti decizjoni dwarha;

"Meta l-kwistjoni titqajjem f'kaz pendenti quddiem xi qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra d-decizjonijiet tieghu ma jkun hemm ebda rimedju gudizzjarju taht il-ligi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal, ghandhom jirriferu l-kwistjoni lill-qorti";

9. Illi in vista tal-premess ghandu jirrizulta pacifiku li referenza preliminari *a tenur* tal-artiklu 267 TFUE ghandha tigi ordnata u awtorizzata *biss* meta l-qorti involuta tqis li tali referenza tkun wahda **necessarja**;

Ikkunsidrat:

10. Illi fis-sentenza tal-**Qorti tal-Gustizzja** fl-ismijiet ***Wien et* vs. *Wien & Co. HandelsgesmbH et***, datata d-*9 ta' Marzu, 2000*, irriteniet is-segwenti:

"*52. It should first be pointed out in this regard that, according to consistent case-law it is <u>solely for the national court</u> before which the dispute has been brought, and which must assume responsibility for the subsequent judicial decision, <u>to determine</u> in the light of the particular circumstances of the case both the need for a preliminary ruling in order to enable it to deliver judgement and the relevance of the questions which it submits to the Court"*, (sottolinear ta' din il-qorti);

11. Illi konsegwenza tal-istess ghandu ampjament jirrizulta pacifiku li hi biss ir-responsabbilita` tal-qorti nazzjonali li tkun kopita bil-lanjanza *de quo* li ghandha tistabbilixxi, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz imqajjem quddiemha, jekk it-talba ghar-referenza bhal dik in dizamina ghandiex tigi akkolta jew le;

12. Illi sintetikament jigi sottolineat li s-suespost ifisser li tali kwistjoni hi allura esklussivament fid-diskrezzjoni tal-qorti nazzjonali;

13. Illi konsegwentement, qorti nazzjonali m'ghandha l-ebda obbligu li galadarba tkun kolpita b'talba ghal tali referenza hi

ghandha takkolji l-istess b'mod awtomatiku kif donnu qed tippretendi r-rikorrenti;

14. Illi kif irriteniet f'dan ir-rigward il-**Qorti tal-Gustizzja** fis-sentenza fl-ismijiet ***Cilfit et vs. Ministero della Sanita`***, datata s-**6 t'Ottubru, 1982**:

> "*10. ... the courts or tribunals referred to in the third paragraph have the same discretion as any other national court or tribunal to ascertain whether a decision on a question of Community law is necessary to enable them to give judgment. Accordingly, those courts or tribunals are not oblidged to refer to the Court of Justice a question concerning the interpretation of Community law raised before them if that question is not relevant, that is to say, if the answer to that question, regardless of what it may be, can in no way affect the outcome of the case*";

15. Illi in vista tal-premess allura jirrizulta pacifiku li l-fatt biss li tigi sollevata l-lanjanza in dizamina dan ma jobbligax lill-qorti hekk kolpita biha biex awtomatikament tirreferi l-kwistjoni lill-qorti *de quo*;

16. Illi wara kollox, qorti nazzjonali ma tistax tigi ridotta ghall-pustier, u dan ghaliex id-diskrezzjoni taghha ma tistax tigi mxekkla bil-mod li qed tippretendi r-rikorrenti, altrimenti l-indipendenza tal-qrati kif protetta mill-Konvenzjoni tigi mxekkla u skreditata kontra l-interessi tal-gustizzja li hi tenuta li tasserixxi;

Ikkunsidrat:

17. Illi fis-sentenza tal-istess **Qorti tal-Gustizzja** fl-ismijiet ***Coëme and Others* vs. *Belgium*** datata t-**22 ta' Gunju, 2000**, f'dan ir-rigward issottolineat is-segwenti:

> "*114. The Court observes, firstly, that the Convention does not guarantee, as such, any right to have a case referred by a domestic court to another national or international authority for a preliminary ruling*";

18. Illi fl-istess sentenza citata fil-paragrafu precedenti l-istess **Qorti tal-Gustizzja** irriteniet b'forza wkoll li:

> "*The right to have a preliminary question referred to a court cannot be absolute either, even where a particular field of law may be interpreted only by a court designated by statute and where the legislation concerned requires other courts to refer to that court, without reservation, all questions relating to that field*";

19.0. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li referenza preliminari intiza, bhal fil-kaz in dizamina, biex il-Qorti tal-Gustizzja tinterpreta l-ligi tal-Unjoni Ewropea, ghandha ssir biss meta l-qorti domestika tal-iStat Membru tqis li:

19.1. Tali referenza tkun mehtiega u necessarja; u

19.2. Tali decizjoni hi:

19.2.1. Fid-diskrezzjoni tal-qorti domestika hekk kolpita, *stante*;

19.2.2. Li dan mhux dritt tal-parti;

Ikkunsidrat:

20. Illi biex issa jigi ezaminat il-fatt jekk ir-rifjut tar-referenza in dizamina effettivament jammontax ghal vjolazzjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet ***Ullens De Schooten and Rezabek v. Belgium***, datata l-**20 ta' Settembru, 2011**, li irriteniet is-segwenti:

> "*60. Article 6 § 1 thus imposes, in this context, an obligation on domestic courts to give reasons, in the light of the applicable law, for any decisions in which they refuse to refer a preliminary question, especially where the applicable law allows for such a refusal only on an exceptional basis*;

> "*61. Consequently, when the Court hears a complaint alleging a violation of Article 6 § 1 on this basis, its task*

*consists in ensuring that the impugned refusal has been duly accompanied by such reasoning. That being said, whilst this verification has to be made thoroughly, it is not for the Court to examine any errors that might have been committed by the domestic courts in interpreting or applying the relevant law*;"

21. Illi fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Roche vs. Id-Direttur tad-Dipartiment ghall-iStandards fil-Harsien Socjalist**, datata is-**16 ta' Jannar, 2018**, (ara foll 334), gie ritenut is-segwenti, (ara foll 337):

"16. Illi l-artikolu 267 (TFUE) jghid li riferenza preliminari tista' jew ghandha ssir biss meta quddiem qorti nazzjonali tqum kwistjoni dwar it-tifsir tat-Trattati tal-Unjoni jew dwar is-siwi jew it-tifsir ta' atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni. Il-kwistjoni li dwarha l-appellanti ressqet dan l-appell taghha mis-sentenza tal-ewwel qorti hija dik dwar jekk huwiex minnu li din l-azzjoni taghha hija milquta mill-gudikat. Din hija kwistjoni procedurali li ma tolqot jew thaddem l-ebda tifsir tat-Trattati jew l-atti Komunitarji. Minbarra dan, kif inghad qabel, ma hemm l-ebda aggravju iehor li fuqu l-appellanti ssejjes l-appell taghha jekk mhux dak li tghid li l-ewwel qorti sabet hazin meta laqghet l-eccezzjonijiet tal-gudikat;

"17. Illi ghalhekk din il-qorti hija tal-fehma li biex tqis sewwa u kif imiss is-siwi tal-appell imressaq quddiemha, ma jehtiegilha l-ebda direzzjoni mill-Qorti tal-Gustizzja u lanqas se jkollha tidhol fil-kwistjoni msawra bil-mistoqsija mitluba mill-appellanti. Ghall-kuntrarju, din il-qorti tqis li tkun qieghda xxekkel ghal xejn il-mixi 'l quddiem tal-kawza li kieku kellha toqghod ghat-talba tal-appellanti. L-istharrig li ghandha taghmel din il-qorti biex tiddeciedi dwar l-appell imressaq mill-appellanti huwa dak dwar il-ligi procedurali nazzjonali u mhux kwistjoni dwar Dritt Komunitarju jew it-thaddim ta' ligi li timplimenta ligi tal-Unjoni Ewropea;

"18. Illi dan ifisser ukoll li l-kwistjoni tal-mertu tal-appell – jigifieri l-elementi tal-gudikat – ma taqax fil-kompetenza

jew fis-setghat tal-Qorti tal-Gustizzja u b'hekk ma jiswa xejn li din il-qorti tibghat il-mistoqsija lil dik il-qorti li, tkun xi tkun it-twegiba taghha, ma tistax taghti direzzjoni lil din il-qorti dwar il-kwistjoni fil-mertu";

22. Illi in vista tas-suespost ma jistax jinghad li hemm xi ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni kif allegat mir-rikorrenti ghaliex kif riprodott fil-paragrafu precedenti, il-qorti involuta tat ir-ragunijiet taghha ghalfejn m'ghandiex tordna r-referenza preliminari mitluba;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi in vista ukoll tal-premess din il-qorti ma tqisx li fl-operat in dizamina gie vjolat l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

23.1. Ma tqisx li r-rikorrenti ippruvat it-talbiet taghha;

23.2. Tirrespingi ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

23.3. Takkolji r-risposti tal-intimati;

23.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**